BirdLife
MALTA

# BirdLife Malta perplessa bl-istqarrija tal-Ministeru għall-Ambjent

## Ikkonfermat li żewġ għasafar protetti oħra spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali, bit-total ta' vittmi issa jitla' għal 15

Waqt li l-istqarrijiet maħruġin ilbieraħ mill-Partit Nazzjonalista u l-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima t-tnejn li huma insistew fuq infurzar aħjar mill-pulizija fir-rigward tal-liġijiet għall-ħarsien tal-għasafar, BirdLife Malta baqgħet perplessa bl-istqarrija ta' sentenza ppubblikata mill-Ministeru u li fiha l-Ministeru għall-Ambjent aktar wera ruħu inkwetat dwar ir-reputazzjoni ta' 'kaċċaturi responsabbli' milli dwar kull ħaġa oħra.

BirdLife Malta ttenni li m'hemm assolutament l-ebda rieda politika ġenwina mill-Gvern biex jikkontrolla l-kaċċa bl-illegalitajiet qed iseħħu f'kull kantuniera ta' Malta ma' kull ċans li jinqala'. BirdLife Malta temmen li ilu li wasal iż-żmien li l-Gvern jieqaf iżiegħel bil-kaċċaturi u aktar milli jinkwieta dwar il-ħsara li l-kaċċaturi qed jagħmlu lilhom infushom meta jisparaw fuq tajr protett, għandu jinkwieta dwar il-fatt li t-tfal tal-iskejjel li se jkunu qed iżuru r-riservi naturali fiż-żmien li ġej mhux se jkollhom l-opportunità li jaraw lil dawn l-għasafar sbieħ għax ikunu nqatlu.

Wasal ukoll iż-żmien li l-Gvern juri lill-għaqdiet tal-kaċċa li l-privileġġ li joħorġu bis-snieter ikkargati fil-kampanja tagħna ma għandux jittieħed *for granted*. Aħna nistennew li l-liġijiet jiġu infurzati ħalli l-pubbliku jkun jista' jgawdi n-natura ħajja u mhux għax il-kaċċa illegali qed tagħmel il-ħsara lir-reputazzjoni tal-kaċċaturi. Fil-verità hija r-reputazzjoni ta' Malta, stat membru tal-UE, li qed tiġi mtebbgħa.

Sadanittant, wara li ġew eżaminati mill-veterinarju, iż-żewġ għasafar protetti feruti li nġabru dalgħodu – Kuċċarda li nġabret mill-Buskett u Russett Aħmar li nġabar minn Manoel Island – it-tnejn ġew ikkonfermati li tniżżlu mill-kaċċaturi. Dan ifisser li t-total ta' tajr protett li nafu li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali dan l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa issa tela' għal 15.

**TMIEM**

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

- Lista tal-vittmi tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa ta' din is-sena (sal-lum)
- Ritratt tal-Kuċċarda feruta li nġabret dalgħodu mill-Buskett
- Ritratt tar-Russett Aħmar midrub li nġabar minn Manoel Island illum

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna